**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 36/14VG**

**Westminster Properties Limited**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Westminster Properties Limited fl-4 ta' April 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-elementi ta' penali amministrattiva w imgħax mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, bl-ispejjeż kontra d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "WL01" u Dok. "WL02" a fol. 2 u 3 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għat-talba tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà Rikorrenti, u minflok l-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.09 tiġi ikkonfermata fl-intier tagħha stante li: (i) preliminarjament, jekk it-talba tas-soċjetà Rikorrenti ġiet intavolata ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri odjerni huma rriti u nulli stante li hemm vjolazzjoni tad-dettami tal-Partita 4(a),(b), (ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) fil-mertu, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għar-Rikors fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)" Rik. Nru. 37/14VG a fol. 12 sa' 150 ta' dak il-proċess;

Ra s-sentenza preliminari mogħtija fl-24 ta' April 2017[1] permezz ta' liema ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi;

Ra li waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2017[2], is-soċjetà Rikorrenti talbet li l-provi li kienu laħqu instemgħu sa' dak l-istadju fil-kawża fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)" Rik. Nru. 37/14 jgħoddu għal dawn il-proċeduri wkoll. Ra li b'Digriet ta' l-24 ta' April 2017, it-talba tas-soċjetà Rikorrenti ġiet milqugħa u ġie ordnat li t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija fl-imsemmi Rikors bin-Numru 37/14 jiġu inseriti fl-atti ta' dawn il-proċeduri;

Ra t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)", Rik. Nru. 37/14VG, ossia t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija minn Rachel Cordina, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, waqt is-seduti tat-13 ta' Novembru 2014[3], tat-13 ta' Lulju 2015[4], ta' l-10 ta' Diċembru 2015[5] u ta' l-24 ta' April 2017[6], tax-xhieda mogħtija minn Chris Spiteri, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, waqt is-seduti tat-13 ta' Novembru 2014[7] u tad-29 ta' Mejju 2017[8], u tax-xhieda moghtija minn David Michael Gatt, Financial Comptroller tas-soċjetà Rikorrenti, waqt is-seduti tat-30 ta' Marzu 2015[9], tat-13 ta' Lulju 2015[10], ta' l-10 ta' Diċembru 2015[11], tal-31 ta' Jannar 2017[12];

Sema' x-xhieda ta' Rachel Cordina mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2018[13] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RC1" sa' Dok. "RC7" a fol. 114 sa' 144 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' Chris Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2019[14] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CS1" a fol. 149 sa' 153 tal-proċess;

Ra l-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud relattiv għas-soċjetà Rikorrenti esebit waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2016[15];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur tas-soċjetà Rikorrenti;

Ra li f'dawn il-proċeduri l-Kummissarju tat-Taxxi ma ppreżentax n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, liema Nota kellha tiġi ppreżentata sat-30 ta' Awwissu 2018[16];

---

[1] Fol. 55 sa' 60 tal-proċess.
[2] Fol. 54 tal-proċess.
[3] Fol. 61 sa' 64 tal-proċess.
[4] Fol. 74 u 75 tal-proċess.
[5] Fol. 78 tal-proċess.
[6] Fol. 80 u 81 tal-proċess.
[7] Fol. 65 u 66 tal-proċess.
[8] Fol. 108 sa' 112 tal-proċess.
[9] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.
[10] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[11] Fol. 76 u 77 tal-proċess.
[12] Fol. 79 tal-proċess.
[13] Fol. 145 sa' 147 tal-proċess.
[14] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[15] Fol. 235 tal-proċess.
[16] Vide verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018.

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti tikkontesta stima maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, in forza ta' liema qed tiġi mitluba tħallas is-somma ta' €8,090.16 bħala taxxa, flimkien mas-somma ta' €1,618.03 rappreżentanti penali amministrattiva u s-somma ta' €2,730.60 rappreżentanti imgħax[17]. L-appell odjern però huwa limitat għall-elementi ta' penali amministrattiva w imgħax ta' l-imsemmija stima, li flimkien jammontaw għal **€4,348.63**. Is-soċjetà Rikorrenti titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-elementi ta' penali amministrattiva u imgħax fl-stima in kwistjoni u dana in bażi għas-segwenti aggravji: (i) l-istima in kwistjoni ma nħarġitx *properly, reasonably* u *fairly* għaliex timponi imgħax u penali meta ma jirriżultawx l-estremi għall-imposizzjoni ta' tali imgħax u penali; (ii) hija dejjem aġixxiet in buona fede u fil-fatt jeżistu raġunijiet validi għaliex tali penali u imgħax għandhom jitħassru; (iii) ir-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak illi huwa proporzjonalità.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għat-talba tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda u minflok l-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10 tiġi ikkonfermata fl-intier tagħha stante li: (i) preliminarjament, jekk it-talba tas-soċjetà Rikorrenti ġiet intavolata ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri odjerni huma rriti u nulli stante li hemm vjolazzjoni tad-dettami tal-Partita 4(a),(b), (ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu: (a) is-soċjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li l-istima maħruġa fil-konfront tagħha, anke fejn jidħlu penali amministrattiva u imgħax, hija eċċessiva. Billi tallega li l-istima ma nħarġitx *properly, reasonably* u *fairly*, ma jfissirx li b'hekk issodisfat l-oneru tal-prova mixħut fuqha bil-Liġi; (b) l-istima in kwistjoni ma hijiex ibbażata fuq xi interpretazzjoni diffiċli tal-Liġi u lanqas fuq estrapolazzjoni ta' numri. Il-punt tat-tluq kienet id-dokumentazzjoni sottomessa mis-soċjetà Rikorrenti fl-istadju ta' l-investigazzjoni w in segwitu fl-istadju ta' Review. Mill-investigazzjoni rriżulta li jeħtieġ jonqos l-ammont ta' input tax dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fid-dikjarazzjoni tat-taxxa tagħha stante li dan ma kienx kopert b'fatturi ai termini tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jew għaliex l-input tax ġiet mitluba/dikjarata darbtejn. L-allegazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti li l-istima hija bbażata fuq kalkoli ħżiena hija għalhekk għal kollox nieqsa minn kull fundament ġuridiku; (ċ) is-soċjetà Rikorrenti kellha kull opportunità li tressaq kull prova biex tissosstanzja dak minnha dikjarat u l-oneru tal-prova fil-każ in eżami kien jinkombi esklussivament fuqha; (d) għalkemm id-dritt għal input tax huwa wieħed sagru, dan id-dritt però ma huwiex awtomatiku iżda huwa regolat mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ma aġixxiex b'mod kapriċċjuż fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti iżda għamel investigazzjoni fil-konfront tagħha minn liema rriżulta li hija ma kenitx qed tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini li tużufruwixxi mid-dritt għall-kreditu ta' input tax. Waqt l-istadju ta'

[17] Dok. "WL02" a fol. 3 tal-proċess.

Review is-soċjetà Rikorrenti ma ġabitx provi biex tiġġustifika l-ammont intier minnha dikjarat bħala input tax u b'hekk in segwitu għal dan l-istadju l-istima proviżorja ġiet ikkonfermata salv għall-parti fejn is-soċjetà ġabet dokumentazzjoni ai termini tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (e) fejn is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li hija dejjem aġixxiet in buona fede, jingħad illi d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) qatt ma kkontenda li s-soċjetà aġixxiet in mala fede. Il-buona fede tissemma darbtejn fil-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 66 u fil-Partita 4 tas-Seba' Skeda ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, u fiż-żewġ istanzi ma hemmx provdut li jekk it-*taxpayer* jottempera ruħu magħhom jinħarfulu l-multi u l-interessi. Fil-każ in eżami l-penali amministrattiva w imgħax imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti huma konsegwenza tal-fatt li l-istima proviżorja ġiet ikkonfermata wara li l-istess soċjetà kellha kull żmien biex tipprova u tissostanzja l-input tax miltuba. L-allegata buona fede tas-soċjetà Rikorrenti fil-kwadru tal-każ in eżami ma tagħmel l-edba stat u b'hekk din il-pretensjoni hija infondata; (f) in kwantu rigwarda l-allegat nuqqas ta' proporzjonalità bejn it-taxxa perikolata u l-multa amministrattiva w imgħax, fil-każ ta' stima kemm it-taxxa amministrattiva kif ukoll l-imgħax huma stipulati fil-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma setgħax jeżorbita mid-dmirijiet tiegħu kif nascenti mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u ma japplikax id-dettami ta' l-istess imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta; (g) fejn is-soċjetà Rikorrenti tallega ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, dan it-Tribunal ma hijiex il-forum idoenju fejn jiġu trattati u determinati tali allegazzjonijiet.

B'sentenza preliminari mogħtija fl-24 ta' April 2017[18], ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tal-proċeduri odjerni kemm-il darba dawn ġew intavolati ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk issa fadal biss li jiġi trattat u determinat l-appell fil-mertu.

Mill-Credit Control Raport esebit bħala Dok. "RC1" a fol. 114 sa' 118 tal-proċess, tirriżulta r-raġuni għaliex id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ħareġ stima proviżorjia fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10. Fih jingħad illi: *Economic Activity - Westminster Properties Ltd. registered for VAT purposes during January 2007. The company operates a 4 star hotel namely "The George Hotel" which is situated in St. Julians. Nace Code as per Registration Application reads 5510 - hotels and similar accommodation. Desk Check Audit - The credit control exercise covered four tax periods, being: 01/12/09-28/02/10, 01/03/10-31/05/10, 01/06/10-31/08/10, 01/09/10/30/11/10. Purchases Analysis and Methodology Used - The required purchases ledgers were made available on shireburn. This was reconciled against the VAT returns and tallied accordingly. Moreover, a casting exercise was also carried out to ensure that input vat claimed corresponds to associated net amount. A casting error was found in vat return period 01.10.11-31.12.11. A copy of the said return was produced from the taxpayer. It transpired that a typing error was taken from the Department when the return was keyed in; Box 31 should read €77,425.25 and not €7,425.25. Consequently TT39 shall be issued to adjust this amount. Red 138 refers. Another casting error was found in tax period 01.06.10-31.08.10. Whilst Box 30 reads €1,529,339.49 Box 36 reads €281,036.38. This resulted in an over claim of €5,755.36*

[18] Fol. 55 sa' 60 tal-proċess.

*input VAT. Mr Gatt was queried about this discrepancy but to no avail. Consequently this amount is not justified and should be deducted accordingly.* ***Purchase invoices were selected covering 88% of the total VAT claimed. Selection criteria were based on material amounts. Those that were found to be incorrect are summarised in Annex 1 to Annex 3 attached to the report***[19]*. The main claims of input vat consisted of the following: Taxable purchases for resale @ 18% - beverages and catering services, Capital Expenditure - furniture, fixtures, fire alarm system, uniforms; Services & Overheads @ 18% - notary and consultancy fees, laundry, internet and call charges. ... Conclusion - In view of the above, provisional assessments should be raised to deduct the incorrect input vat amounting to €10,262.67 as indicated in Annex 1 to 3. In addition, another provisional assessment shall be raised amounting to 5,755.36 due to casting error during vat period 01.06.10-31.08.10.*

Minn Annex 1 tar-Rapport[20] jirriżulta li l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10 kienet tirreferi għal tlett ammonti partikolari ta' input tax dikjarata: ammont ta' €314.46 - Inv. No. 261-263 bid-data 30.01.10 maħruġa minn Aldo Vella & Associates - fir-rigward ta' liema ammont is-soċjetà Rikorrenti issottomettiet *manual fiscal receipt* minflok fattura ta' taxxa; ammont ta' €8,090.16 - Inv. No. 124721 bid-data 05.10.09 maħruġa mill-Enemalta - fuq liema ammont ma kenitx inżammet taxxa fuq il-valur miżjud (u allura t-*taxpayer* ma kellhiex dritt titlob għal kreditu ta' input tax); u ammont ta' €756 - Inv. No. 854 bid-data 18.01.10 maħruġa minn Vella & Vella Notaries - il-fattura relattiva ta' liema ma kenitx konformi mat-Tnax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi fuqha ma kienx hemm indikat *supplier's vat no*.

Mir-Review Report, esebit bħala Dok. "G" a fol. 147 tal-proċess tar-Rikors bin-Numru 37/14 fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)", jirriżulta li fl-istadju tar-Review is-soċjetà Rikorrenti ottemperat ruħha mal-Liġi fir-rigward tal-kreditu ta' input tax mitlub vis-à-vis it-taxxa minnha imħallsa lil Aldo Vella & Associates u lil Vella & Vella Notaries, u fir-rigward ta' l-input tax reklamat vis-à-vis l-Enemalta, David Michael Gatt, Financial Comptroller tas-soċjetà Rikorrenti, iddikjara li id-denunzja ta' l-input tax in kwistjoni kienet frott ta' żball ġenwin. Konsegwentment r-Review Officer irreveda l-istima proviżorja maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10 billi ikkonċeda l-kreditu ta' input tax fuq l-ammonti ta' €314.46 u €756 u t-taxxa relattiva imposta ġiet imħassra, iżda kkonferma l-istima in kwantu rigwarda l-ammont ta' €8,090.16 relattiv għall-Enemalta u rrakomanda li tinħareġ stima finali għal dan il-perijodu ta' taxxa fir-rigward ta' tali ammont ta' input tax li ma kienx qed jiġi aċċettat. L-istima finali għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10 fil-fatt inħarġet għall-valur ta' €8,090.16 bħala taxxa dovuta, flimkien mal-valur ta' €1,618.03 bħala taxxa amministrattiva u l-valur a ta' €2,730.60 bħala imgħax.

---

[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Fol. 118 tal-proċess.

Fix-xhieda tagħha Rachel Cordina[21], l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li esegwiet il-Credit Control fir-rigward tas-soċjetà Rikorrenti, ripetutament saħqet illi l-kreditu għal input tax pretiż mis-soċjetà fir-rigward tal-Enemalta ma ġiex aċċettat għar-raġuni li fuq din it-transazzjoni partikolari - li mill-atti jirriżulta li kienet tikkonsisti fil-kostruzzjoni w installazzjoni ta' sub-station da parte ta' l-Enemalta fuq inkarigu tas-soċjetà Rikorrenti[22] - ma tħallset l-ebda taxxa fuq il-valur miżjud lill-Enemalta u konsegwentement għalhekk is-soċjetà Rikorrenti ma kellha ebda dritt titlob kreditu ta' input tax. Minn dan isegwi għalhekk illi l-ammont ta' €8,090.16 kien input tax dikjarat biż-żejjed fil-perijodu ta' taxxa in kwistjoni.

A tenur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta: *bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta d-denunzja magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa jkun fiha dikjarazzjoni bin-nieqes ta' l-output tax jew dikjarazzjoni biż-żejjed tat-tnaqqis għal dak iż-żmien, dik il-persuna* ***tkun***[23] *suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija mit-total ta' - (a) l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-ammont korrett ta' output tax fuq l-ammont ta' output tax kif dikjarat fid-denunzja; u (b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kid dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis.* L-Artikolu 21(4) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: ***ikun***[24] *dovut imgħax fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data li fiha jkollha titħallas b'rata li l-Ministru għandu, minn żmien għal zmien, jippreskrivi b'regolamenti għal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma titħallasx jew b'kull rata oħra hekk kif jista' jiġi preskritt...*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta għalhekk illi l-penali amministrattiva fl-ammont ta' €1,618.03 u l-imgħax fl-ammont ta' €2,730.60 ġew imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti skond kif meħtieġ mill-Liġi stess u mhux b'mod arbitrarju mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi. Detto ciò però l-Liġi, fl-Artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, tipprovi għall-maħrfa tal-penali amministrattiva kemm-il darba t-*taxpayer* ikollu skużanti raġonevoli għan-nuqqas perpetrat minnu. L-imsemmi artikolu tal-Liġi, senjatament fis-subartikoli (1) u (2), jipprovdi li: *bla ħsara għad-disposiżizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa' 41, it-tnejn inklużi - (a) l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta minn persuna għal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skużanti raġonevoli għal dak in-nuqqas; (b) jekk persuna ma turix li hemm skużanti raġonevoli għal xi nuqqas, iżda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn ċirkostanzi partikolari li jkun jisthoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas; (ċ) jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irriżulta minn żball ġenwin huwa jista' jaħfer għal kollox jew parti mill-penali amministrattiva għal dan in-nuqqas; (d) l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta skond l-artikolu 38 meta denunzja meħtieġa li ssir skond l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni meħtieġa li ssir skond l-artikolu 30(1) tkun mibgħuta*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, fol. 61 sa' 66 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2018, fol. 145 sa' 147 tal-proċess.
[22] Fol. 20 u 21 tal-proċess fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)" Rik. Nru. 37/14.
[23] Enfasi tat-Tribunal.
[24] Enfasi tat-Tribunal.

*b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju, mhux aktar tard minn sebgħat ijiem mid-data li tali denunzja jew diskjarazzjoni kellha tkun mibghuta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. (2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(a) u (b) - (a) il-fatt li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn titħallas xi taxxa dovuta; jew (b) meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja.*

Mill-provi proċesswali jirriżulta li fil-każ in eżami s-soċjetà Rikorrenti tinvoka l-iżball ġenwin bħala skużanti għad-dikjarazzjoni biż-żejjed ta' input tax fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10. Fl-ittra datata 15 ta' Novembru 2013[25], David Michael Gatt iddikjara li *I agree that no input Vat should have been claimed back on such invoice,* u mir-Review Report, kif ikkonfermat anke minn Chris Spiteri, Review Officer, fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal[26], jirriżulta li l-istess David Michael Gatt stqarr li d-dikjarazzjoni tas-somma ta' €8,090.16 bħala input tax fid-dikjarazzjoni għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10 kienet żball ġenwin da parte ta' l-istess soċjetà Rikorrenti.

Minn konsiderazzjoni tal-każ u tal-provi prodotti t-Tribunal assolutament ma jistax jifhem fejn hu l-iżball ġenwin li ħadet is-soċjetà Rikorrenti f'li tiddikjara s-somma ta' €8,090.16 bħala input tax imħallsa lill-Enemalta. Irriżulta li fit-transazzjoni ma' l-Enemalta ma tħallset l-ebda taxxa fuq il-valur miżjud da parte tas-soċjetà Rikorrenti u siccome hu mistenni li l-imsemmija soċjetà kienet taf ben tajjeb x'ħallset u ma ħallsitx lill-Enemalta, partikolarment f' xogħol ta' entità notevoli bħal ma kien dak kummissjonat lill-imsemmija entità, ma huwiex affattu kredibbli li s-somma ta' €8,090.16 ġiet dikjarata bħala input tax bi żball ġenwin.

A tenur ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta *kull persuna reġistrata taħt l-Artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa' mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv.* Is-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdu rispettivament illi: *denunzja ta' taxxa mibgħuta minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandu jkun fiha dikjarazzjoni ta' l-output tax, l-input tax u dawk id-dikjarazzjonijiet u partikolaritajiet oħra għal dak iż-żmien ta' taxxa li huma meħtieġa skond dan l-Att u għandha ssir jew fuq dik il-formula hekk kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi jew b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju...* u *ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta għalhekk li kull *taxpayer* għandu l-obbligu li jimla d-denunzja tat-taxxa tiegħu b'mod sħiħ - u t-Tribunal iżid jgħid ukoll b'mod korrett - u dettaljat f'kull aspett materjali tagħha u li jissottometti l-istess entro t-terminu prefiss fil-Liġi. Fir-rigward ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** osservat illi: *l-Artikolu 27(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jikkontjeni b'mod mill-aktar palesi dik l-espressjoni*

[25] Dok. "WL01" a fol. 2 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, fol. 65 sa' 67 tal-proċess.

*interpretativa ta' dik is-sintesi dettata in parte mill-istess diposizzjoni tal-Liġi, u in parte, skond il-konċezzjoni ermenewtika elementari, illi l-obbligu li jagħmel u jibgħat dik id-denunzja hu mill-bidu sa' l-aħħar impost fuq il-persuna reġistrata. Tradott dan li ngħad għall-fattispeci għandu jfisser illi kien jaggrava b'obbligu fuq l-appellanti illi huma jadempixxu ruħhom mad-dettami tal-Liġi u li jassikuraw li d-denunzji jintbagħtu. … għalkemm il-fissazzjoni ta' terminu għall-preżentata tad-denunzji ma jidhirx li jeskludi li tista' tkun rikonoxxuta qagħda ta' skuża raġonevoli, ċerta w obbjettiva, li timpedixxi lill-persuna reġistrata mill-osservanza ta' dak it-terminu, dik l-istess skuża raġonevoli jrid ikollha mill-karatteristika ta' impediment leġittimu jew ta' kawża ġusta indipendenti mill-volontà tas-soġġett. Jekk din il-karatteristika ma tirriżultax, il-qagħda ma tistax ħlief tippreżenta ruħha bħala waħda ta' kondotta volontarja u kolpevoli dovuta għall-inkurja u għan-negliġenza imputabbli lis-soġġett obbligat li jirrispetta t-termini legali dettati fil-liġi. F'każ bħal dan is-soġġett ma jkunx jista' jilment minn xejn għax "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnun sentire".*

Fil-fehma tat-Tribunal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta fl-imsemmija sentenza jista' u għandu jiġi estiż anke għall-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi u cioè li l-obbligu li jimla d-denunzja tat-taxxa b'mod sħiħ u korrett hu mill-bidu sa' l-aħħar impost fuq it-*taxpayer* u għalkemm jista' jkun hemm skuża raġonevoli għalfejn dan ma jsirx, u cioè id-denunzja ma tkunx korretta u sħiħ f'kull aspett materjali tagħha, dik l-iskuża raġonevoli trid tkun marbuta ma' u nascenti minn impediment leġittimu jew kawża ġusta indipendenti mill-volontà tat-*taxpayer*. Jekk imqar wieħed minn dawn l-elementi ma jissussistix allura ma jistax jitqies li hemm skuża raġonevoli li tiġġustifika l-maħfra tal-penali amministrattiva imposta. Fil-każ in eżami t-Tribunal ma rraviża l-ebda impediment leġittimu jew kawża ġusta indipendenti mill-volontà tas-soċjetà Rikorrenti għad-dikjarazzjoni tas-somma ta' €8,090.13 bħala input tax meta din fil-fatt ma kenitx tħallset minnha u għalhekk ma jsib l-ebda raġuni, wisq inqas waħda bbażata fuq l-iżball ġenwin, għalfejn il-penali amministrattiva imposta fuqha għandha tiġi maħfura.

Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti setgħet kienet qed taġixxi in buona fede, dan ma jfissirx li n-nuqqas tagħha li timla d-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.0.10 b'mod sħiħ **u** korrett għandu jiġi skużat u addirittura sanat. Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. Limited et v. Il-Kummissarju tat-Taxxi, Każ. Nru. 201/12**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Lulju 2014 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Novembru 2014, *il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ma kellhomx intenzjoni li jqarrqu bl-intimat billi ma jiddikjarawx il-kontenut kollu tal-container, għax kieku ma kienux jagħtu lill-istess intimat dokumenti li jindikaw b'mod l-iktar dettaljat x'inhu l-kontenut tal-container u li espressament kienu jsemmu l-mitt (100) kaxxa brandy. Min-naħa l-oħra dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma kienux negliġenti fid-dikjarazzjonijiet li jagħmlu ma' l-intimat. Skond l-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi illi: "(1) Jitqies fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar".*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal jirribadixxi li fil-każ in eżami ma tissusisti l-ebda raġuni, wisq inqas waħda bbażata fuq l-iżball ġenwin, in bażi għal liema l-penali amministrattiva imposta fuq is-soċjetà Rikorrenti għandha tiġi maħrufa. Minn dan isegwi wkoll li bl-istess mod u għall-istess raġunijiet lanqas ma jista' jkun hemm tnaqqis jew maħfra ta' l-imgħax impost fuq l-istess imsemmija soċjetà.

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li r-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imħgax punittiv jippekkaw serjament f'dak illi hija proporzjonalità. Għalkemm hija ssollevat dan l-aggravju, is-soċjetà Rikorrenti naqset għal kollox milli tittratta l-istess u tressaq provi u sottomissjonijiet fir-rigward. Detto ciò it-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza tiegħu kif konferita bid-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment fejn jidħlu appelli minn stimi a tenur ta' l-Artikolu 43 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u imghaxijiet id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, mexiex skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, o meno.

Fil-każ in eżami, kif iktar 'l fuq osservat, jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) impona l-penali amministrattiva u l-imgħax fuq is-soċjetà Rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 37(1) u l-Artikolu 21(4) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma jirriżultax li dawn, bħala parti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, huma żbaljati, inġusti jew eccessivi. Jekk il-kontestazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti però hija li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi kif promulgati jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn tiġi trattata tali kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-elementi ta' penali amministrattiva w imgħax imposti fuqha fl-istima maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-elementi ta' penali amministrattiva w imgħax imposti fuqha fl-istima maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, u minflok jikkonferma tali aspett ta' l-istima hekk maħruġa fil-konfront ta' l-imsemmija soċjetà.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**